**Rapport ta' ħidma (2020) tal-kunsillier responsabbli mill-Kultura u l-Komunitajiet**

**Is-Sur Jurgen Briffa**

Introduzzjoni

Is-Sena 2020 bdiet b'entuzjajzmu kbir biex niccelebraw Jum il-Belt bl-aktar mod dinjituz. Bdejnha nahsbu biex nhejju weekend mimli attivitajiet fejn barra li nheggu lin-nies minn Malta kollha jigu jgawdu dawn il-festi sbieh maghna, hsibnha wkoll li npoggu lir-residenti u l-ghaqdiet beltin bhalha parti mill-qofol ta dawn il-festi. Sfortunatament fl-ewwel xhur tal-2020 id-dinja ntlaqtet mill-Pandemija tal-Covid-19. Iz-zewg sotto kumitati ma tantx stajna niltaqghu, pruvajna naghmlu 'Video Conference Meeting' - izda ndunajna li dan ma seta qatt isehh - peress li maggoranza kbira tal-membri huma anzjani u m'ghandhomx access. Kawza ta din il-Pandemija kellhi r-rizenja wkoll tas-Segretarju tas-Sotto Kumitat tal-Kultura - kawza tal-pandemija peress li kellhu ragunijiet personali biex jkun jista jghin aktar lil familja tieghu.

Laqgħat u ideat

B'responsabilita peress li l-maggoranza tal-membri tas-sotto kumitati huma anzjani, hadt decizjoni li ghal din is-sena laqghat tas-sotto kumitati ma jsirux. Ovjament minhabba li kellnha l-pandemija, wiehed ma kellhux wisq fuq xix jiddiskuti bhalha attivitajiet u affarijiet li jsiru gol-Belt Valletta - ghaldaqstant kienet raguni aktar u aktar ghalfejn laqghat ma sarux.

Ix-xoghol tieghi mal-Ghaqdiet ma waqafx xorta wahda. Flimkien ma Dr. Andrew Camilleri, bdejt niltaqgha ma diversi ghaqdiet Beltin fosthom 2 Clubs tas-Subbuteo, Filarmonika King's Own, Marsamxett Regatta, Waterpolo Club u ghaqdiet ohrajn. F'dawn il-laqghat qed nipprova nifhem aktar xi problemi jgabru l-ghaqdiet beltin u bis-sahha ta Dr. Andrew Camilleri qed nippruvaw ukoll nsibu xi fondi kemm ewropej u kemm nazzjonali li jirelataw mal-hidma ta dawn l-ghaqdiet biex nippruvaw nghinuhom fejn dejjem hu possibli. Mumenti sbieh hafna li qed johorgu f'dawn il-laqghat huwa li qed nippruvaw nghaqdu lil ghaqdiet beltin ma xulxin u biex ma jibzghux jahdmu ma xulxin.

Fost il-hafna laqghat nteressanti li kellnha wasalna ghal punt li darba minnhom sar meeting bejn iz-zewg clubs beltin tas-subbuteo biex jahdmu fuq progett flimkien - xi haga nteressanti li ntlaqat tajjeb hafna.

Mawra ġewwa Piazza Armerina

Bejn it-12 u l-15 ta Awwissu li ghaddha fuq stedina tas-Sindku Taljan Dr. Antonio Cammarata, gejnha mistidnien biex nzurua Piazza Armerina. Bhalha kunsillier tal-Kultura tlajt mas-Sindku taghna biex nirraprezentaw il-Lokalita.

F'din il-laqgha komplejna nsahhu r-relazzjonijiet li wiehed jista' jaghmel ma pajjizi ohra, f'din iz-zjara kellnha diversi laqghat fosthom mas-Sindku ta' Piazza Armerina u flimkien ddiskutejna kif nistghu nsahha r-relazzjonijiet ta bejnietna.

Zorna wkoll il-Pallio dei Normanni. Kienet sewa kbira tas-Sindku Taljan li dan l-avveniment jkollhom ic-cans li jaqsmuh maghna gewwa pajjizna.

F'din l-istess zjara stajna ninnutaw banda zghira mill-guvintur taljani bit-tnabar, fejn ghaddejin diskussjonijiet maghhom forsi jigu ghal Jum il-Belt tas-sena d-diehla

Belt Kulutrali Ewropea 2031

F’Dicembru 2020, sar seminar gewwa t-teatru manoel dwar il-Belt Kulturali Ewropea 2031. Dik is-sena, Malta ser jkollha c-cans li tkun qed tospita dan it-titlu. Propju f’dan is-seminar saru l-linja gwidi ta kif ser tintghazel il-Belt jew Rahal f’Malta li ser jkollhu dan it-titlu.

F’dan is-seminar attenda l-Ministru tal-Kultura u c-Chairman tal-V18 fejn urew ix-xewqa li qed jiddiskutu mal-Gvern biex din il-Belt li tintghazel tista tkun Regjun shih. Huma semmew l-ezempju ta Ghawdex.

Bhalha kunsillier tal-Kultura f’isem il-Belt Valletta, kont l-unika kunsillier prezenti li diga esperjenzajna dan l-entuzjazmu sabih li l-Belt li jien nirraprezenta tkun il-Belt Kulturali Ewropea - xi haga li l-ebda Belt jew Rahal iehor ghadhu qatt ma esperjenza.

Fil-laqgha tal-kunsill mort b’rapport dwar x’sar fis-seminar, b’mod unanimu ma shabi l-Kunsilliera qbilna li ma nitfawx l-Bid taghna biex nerga nkunu l-Belt Kulturali Ewropea fl-2031, hekk kif jidher li ser tkun difficli terga tintrebah mill-Belt Valletta hekk kif hemm diversi lokalijiet ohra u Regjuni li ghandhom cans kbir li jiehdu dan it-titlu li jirraprezentaw lil Malta. Tkun ferm difficli li ahna nergaw nissotomettu l-istess ideat li prezentajna ftit snin ilu.

Konklużjoni

Il-Pandemija ma setghatx thalli kollox jahdem kif kien pjanat u kif kien isir fis-snin l-ohra. L-2020 kienet l-ewwel sena li bhalha kunsillier kellhi f’idejha minn Jannar sa Dicembru, kont entuzjast li ser naghmlu festi kbar ghal Jum il-Belt - izda dan ma setgahx isehh habba li l-pandemija tal-covid-19 qerdet u waqfet id-dinja. Ovjament bla dubju ta xejn, kollox huwa preparat minn attivitajiet u x-xoghol li kien ser isir f’din is-sena u b’hekk ninsabu herqana biex l-2021 tkun l-ewwel sena li bhalha kunsill, ser nkunu nistghu nibdew sena gdida b’kalendarju shih ta attivitajiet il-qofol ikun Jum il-Belt.

Jum il-Belt hija l-festa tal-Beltin kollha u bhalha Kunsillier responsabbli mill-Kultura u l-Komunitatjiet qieghed nistenna bil-herqa din il-gurnata biex lkoll flimkien nkunu nistghu ngawduha, filwaqt li nistiednu lil Maltin u lit-Turisti jgawdu l-Belt Valletta.

Tislijiet,

Briffa Jurgen
Kunsillier u Kelliem ghal Komunitajiet u l-Kultura ghal-Belt Valletta